MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2006

Numru 1230/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Haber**
**v**

**HOU SHIYUN**
**HE KUNZHEN**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **HOU SHIYUN** ta' tletin sena, imwieled Fujian c-Cina nhar t-tletin ta' Settembru 1976, bin Hou Quo Pin u Ten Lan Tin detentur ta' passaport Ciniz numru G04133137 u **HE KUNZHEN** ta' hamsa w ghoxrin sena imwielda Fujian c-Cina nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 1981, bint He Tan Min u Tem Pin Qu detentrici ta' passaport Ciniz numru G14378358 gew imressqa quddiemha w akkuzati talli fid-dsatax ta' Novembru 2006 u fil-jiem ta' qabel f'Malta, meta kellhom f'idejhom

passaport mahrug minn awtorita kompetenti, ittrasferew dan il-passaport lil persuni ohra jew ircivew passaport li gie trasferit lilhom minn persuna ohra;

Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, f'Malta, ghamlu uzu jew ittntaw jaghmlu uzu minn passaporti mahruga lil persuni ohra.

Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi f'Malta, iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'passaporti jew li wzaw passaporti li kienu jafu li huma falsifikati, imbiddlin jew lisar tibdil fihom.

Talli matul l-istes zmien, lok u cirkostanzi, f'Malta, bhala persuni li nizlu jew telqu minn Malta, ghamlu jew gieghlu li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil imputati jiddikjara tramite l-interpretu mahtur mill-Qorti Mr. Olaph Terribile, fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Illi fid-dawl tas-suespost, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 4, 5, 6, tal-Kap 61 u l-artikolu 32(1)(C) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputati HOU SHIYUN u HE KUNZHEN hatja tal-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tiddeciedi li tikkundannahom ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett [3] snin kull wiehed bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din s-sentenza lil imputati u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati minn naha taghhom tramite l-interpretu mahtur mill-Qorti, iddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------